MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 9

24 ta' Frar 2020

Il-Kunsilli Lokali H'Attard ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 6, Triq il-Kbira, Ħ'Attard, fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Remigio Bartolo – Kunsillier
John P.Bonnici – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier
Helen Caruana – Kunsillier
Victor Galea – Kunsillier
Maria Concetta Scerri - Kunsillier
Giorgio Schembri – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresjeda l-laqgħa. Mhux kulħadd kien preżenti u fil-ħin.

## 9.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

9.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

18:03 Is-Sur Victor Galea u s-Sur John Bonnici daħlu f'dal-ħin.

## 9.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

9.2.1 Il-minuti ġew approvati.

18.04 Il-Perit Giorgio Schembri daħal f'dan il-mument.

Is-Sindku reġa' tenna li kienu għadhom kemm ġew approvati l-Minuti.

18.05 Is-Sinjura Connie Scerri daħlet f'dan il-mument.

Ħadd ma kellu oġġezzjoni.

## 9.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku nforma lill-Kunsill rigward:

9.3.1 *Bord tal-Awtorità tal-Ippjanar*

Is-Sur Cordina qal li l-permess għall-Uffiċċini l-ġodda ġie rifjutat a bażi li jinsab f'żona rikrejattiva. Issa kompla s-Sur Cordina bir-rispett kollu lejn kulħadd ġa hemm tliet Kunsilli oħra li jaf bihom hu Swieqi, Pembroke u Raħal Ġdid li jinsabu ġo ġonna jew żoni rikrejattivi. Il-Perit ħejja rapport ta' 54 paġna u kien rebaħ ukoll żewġ appelli ta' żewġ Kunsilli oħra li kien Perit tagħhom. Is-Sur Mangion qal li ma tagħmilx sens id-deċiżjoni ġaladarba dawn jafu li l-post ikkundanat. Is-Sur Cordina qal li ħa parir u la hu u lanqas is-Segretarja mhu ħa jidħlu responsabbli jekk jinqala xi ħaġa.

Hu qal ukoll li sab post temporanju adattat. Il-kirja hi ta' madwar €900. Qal li jekk ikollu l-approvazzjoni jmexxi biex issir laqgħa mas-Sur Mario Fava sabiex jinġabu fondi u jinkera l-post. Kulħadd qabel.

9.3.2 *Hoarding fi Triq l-Għenba.*

Is-Sur Cordina qal li ħa jitneħħa l-*hoarding* b'effett mill-1 ta' Marzu u Triq l-Għenba l'fuq tiġi għan-normal.

9.3.3 *Purcissjoni ta' Ħadd il-Palm*

Is-Sur Cordina qal li bħas-snin ta' qabel saritlu talba sabiex issir il-purcissjoni ta' Ħadd il-Palm għas-somma ta' €300. Kulħadd qabel.

9.3.4 *Sqaq it-Twil*

Skont imejl mibgħuta mill-Avukat Bondin hu kien tal-parir li ġaladarba l-Awtorita' tal-Artijiet ikkonfermat li mhix art reġistrata magħhom trid tinġab prova li l-art hi privata u jekk jinġab kopja tal-kuntratt t'akkwist ikun biżżejjed.

9.3.5 *Stimi biex titnaddaf il-Pjazza*

Is-Sur Cordina staqsa lis-Sur Galea jekk kienx ġab l-istimi tat-tindif. Is-Sur Galea wieġeb li s'issa le. Is-Sur Cordina ssuġġerixxa li kumpanija General Cleaners tagħmel tindifa bħalha *sample* 1m x 1m. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

9.3.6 *Kappella San Pawl*

Is-Sur Cordina qal li l-Kappella ta' San Pawl kellha ħsarat strutturali li jirriżultaw f'kunsenturi fejn il-kappella bdiet ħa tinqasam fi tnejn. Kienu ntalbu flus taħt id-Development Planning Fund imma ġew rifjutati għax restawr ma jaqax taħt dan il-fond. Issa li ħabba l-proġett tas-*Central Link* jista' jkun li l-ħsarat żdiedu jista' jkun li Infrastructure Malta tirrimedji xi ftit minn dawn id-danni.

9.3.7 *Traffic Management Plan Triq Oliver Agius*

Is-Sur Cordina qal li s-Sinjura preżenti, li pero' ma tistax titkellem, u li għaddiet lis-Sur Cordina xi punti fejn xtaqet tgħaddi l-preokkupazzjonijiet tagħha fuq l-impatt li ħa jkun hemm fuq ir-residenti jekk jimmaterjalizza temporanjament dak propost minn Infrastructure Malta cioè li:
Jitneħħa l-parkeġġ
Tintilef il-*Line of Sight* tad-dħul u ħrug tal-vetturi minn garaxxijiet
Mhux sa jkun hemm aċċess għad-diżabbli
Hi kompliet billi qalet li:
t-triq mhix b'saħħitha biżżejjed u li jekk ikun hemm bżonn ta' xi permess ta' makkinarju mhux sa jkun possibbli li jinġab.

Is-Sur Cordina qal li ma jsibx oġġezzjoni li ssir laqgħa ma' IM imma l-importanti li min hu konċernat jattendi u dana għaliex jaf fiċ-ċert li hemm min igerger imma hemm min issa qed jogħrok idejh.

Għandha tiġi ċċekkjata meta l-media hall hi disponibbli u tintbagħat ittra lir-residenti flimkien ma' kopja tal-pjanta.

## 9.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

9.4.1 Is-Sur Remigio Bartolo:

- Żjara f'Elancourt tħassret minħabba nuqqas ta' fondi li ma ngħatawx il-Franċiżi imma qalu li forsi se jerġgħu jippruvaw is-sena d-dieħla.
- Qal li rċieva invit uffiċċajli mill-komunità ta' Gela u li hu rappreżentat Malta minn Ivana Legname. Invit uffiċċjali se jintbagħat iktar il-quddiem.

9.4.2 Is-Sur Victor Galea:

- Saqsa fuq il-*parking permit* ta' Triq Ħal-Qormi. Is-Sur Cordina qal li dak hu disponibbli biss għal min joqgħod fl-area u ħadd iktar m'għandu permess la hu u lanqas ħadd iktar.

9.4.3 Is-Sinjura Connie Scerri:

- Qalet li sejra l-Canada biex tirrappreżenta l-Malta Horticultural Society. Kulħadd awguralha u talbet permess biex tħalli l-kamra. Hi ħalliet il-kamra 19:36.

9.4.4 L-Avukata Helen Caruana

- Qalet li ħadet l-feedback fuq The Notebook Centre kien wieħed tajjeb ħafna
- Qalet li l-bin ta' ħdejn iż-żiemel kien ok u li jekk jista' jkun jinbidlu ftit ftit bħal ta' taħt il-Kunsill.

19:42 Is-Sur Remigio Bartolo ħalla l-kamra.

9.4.5 Il-Perit Giorgio Schembri

- Talab li ssir xi ħaġa sabiex jiġi rijabilitat xi wied.

9.4.6 L-Avukat Silvio Brincat

- Saqsa fuq il-bridge ta' Wied Irmiedi, jekk jistax isir xi ħaġa għax iktar ma jgħaddi żmien iktar mhux jiflaħ il-piż.
- Saqsa jekk xi ħadd mill-MIP tagħniex risposta fuq is-siġar li ntalabna nieħdu ħsieb. Is-Sur Galea qal li l-Amministrazzjoni tal-fabbriki għandha l-fondi biex tmantnieh.

## 9.5 Approvazzjoni ta' *Financial Statements*

9.5.1 Is-Sur Tonio Cuschieri ta' spjega fuq l-estimi finanzjarji (skont kif anness għar-rekord ta' minuti) u wara li kulħadd qabel dawn ġew approvati u ffirmati.

## 9.6 Ri-Approvazzjoni ta' Budget 2020 wara reviżjoni ta' estimi

9.6.1 Approvat

## 9.7 Rapporti

9.7.1 Ma kienx hemm rapporti.

## 9.8 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

9.8.1 Is-Sindku qal saru l-interviews tal-iskrivan/a u Supervisor skont ir-rapporti annessi. Dr. Helen Caruana qalet li l-għażla kienet waħda għaqlija għax fiż-żewġ każi iż-żewġ kandidati kienu jidhru affidabbli u jafu x-xogħol rikjest minnhom sew. Dr. Caruana stiednet lis-Segretarju tagħti dettalji tal-għażla. Is-Segretarju wara li tat spjega qalet li l-għażla waqgħet fuq Geoffrey Cilia

u Arthur Caruana. L-għażla ta' dawn iż-żewġ kandidati ġiet approvata mill-Kunsill kollu. Il-Kunsill approva wkoll il-ħatra tas-Sinjuri Fsadni u Borg fl-iskali rispettivi ta' Scala 11 u Scala 13, wara li saret sejħa interna, hekk kif jilħqu ż-żmien ta' kariga tagħhom. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tara wkoll jekk is-Sinjura Fsadni tistax isservi bħalha Deputat Segaretarju Eżekuttiv. Kulħadd qabel.

Is-Sur Galea issuġġerixxa li xi ħadd mill-istaff jieħu First Aid Course. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li digà hemm is-Sinjorina Borg li ħadet kors tal-First Aid.

*Tender Resurfacing*
Is-Sur Cordina qal li l-proċess ta' dan it-tender hu magħluq u se jidħol fis-seħħ il-kuntratt mill-1 ta' Marzu 2020. Dan it-tender fuq rakkomandazzjoni tal-Bord ingħata lill-Philip Agius and Sons. Kulħadd qabel.

## 9.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

9.9.1 Approvati.

## 9.10 Mozzjonijiet; u

9.10.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 9.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

9.11.1 Il-laqgħa ntemmet fis-8.11pm u ġiet aġġornata għall-24 ta' Marzu 2020 fis-6.00pm.

Konfermati, illum 24 ta' Marzu 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA<br>Stefan Cordina<br>Sindku | IFFIRMATA<br>Marica Mifsud<br>Segretarju Eżekuttiv |